NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Jannar - Frar 2007

Nru 154

# ISQOF GĦALL-QADI TAGĦNA



Diġà għaddiet sena mill-ġranet sbieħ tal-bidu ta' l-2006 meta rajna tant entużjażmu tal-massa għall-bidu ta' l-episkopat ta' Mons. Mario Grech. Imbagħad waslet iż-"żjara fraterna" fostna: laqgħat ma' diversi kategoriji u organi li jiffurmaw il-parroċċa ta' San Ġorġ.

Ikkonkorrew bi ħġarhom it-tfal tad-duttrina u ż-żgħażagħ; kellna assemblea ħajja; wassalnieh sa *Leħen il-Belt Victoria;* dewwaqnieh l-aspett tant rilevanti tas-sbuħija fil-kultura. Intużaw is-sala tad-Dar il-ġdida tas-Saċerdoti, l-Awla Mons. Farrugia u l-knisja. Il-Bażilika! L-aspett liturġiku - u dawn it-tlett ijiem li ħarbu bħal berqa - laħaq *climax* favoluż b'ċerimonja li rat saħansitra l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanza ta' l-Ordni ta' San Ġwann, ta' l-Arċi-Bażilika tal-Lateran u ta' l-awtoritajiet ċivili: pontifikal solennissmu wara l-pussess ta' l-Isqof Djoċesan bħala t-tieni Dekan tal-Kolleġġjata. Fil-fatt lanqas ir-rapport dettaljat fin-numru 148 ma jagħti stampa kompluta ta' l-atmosfera li kien hawn!

Dan xtered anki fit-triqat tal-madwar għax il-programm ipprovda għal dawra twila minn Mons. Grech u l-Arċipriet; dawra li interessantement kienet tinkludi (bla maħsub!) il-kxif tal-monument lill-patrijott Għawdxi Saver Cassar. Din il-"kumbinazzjoni" nħossha li kkonfermat, b'mod sieket iżda effettiv, iċ-"ċentralità" ta' San Ġorġ fil-ħajja tal-poplu tagħna.

Xtaqna li diż-żjara kienet itwal biex l-Isqof Grech ikollu l-opportunità jidħol ġo firxa usa' ta' realtajiet u b'hekk jieħu mill-ewwel stampa iktar kompluta - infatti l-appuntamenti mħabbra ma setgħux jitwettqu kollha minħabba impenji oħra tiegħu.

Dawn l-opportunitajiet waslulu fil-ġimgħat u x-xhur ta' wara - ma qagħadx lura milli jaħtaf raġunijiet biex jittawlilna! Ġie għall-funzjonijiet

*Ikompli f'paġna 4 isfel...*

F'din il-Ħarġa

Ir-Randan: żmien qaddis li jħejji għall-festa ta' l-Għid

Paġna 5



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

### Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

| | |
|---|---|
| 07-01-2007 | **Martina**, bint J.John Caruana u Margaret Portelli |
| 10-01-2007 | **Shauna** u **Nathan**, ulied Aldo Debono u Lorraine Bellotti |
| 20-01-2007 | **Elena**, bint Michael Cini u Simone Cassar |
| 26-01-2007 | **Jordan**, isem Natal Fara u Nadia Said |

### Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

| | |
|---|---|
| 18-12-2006 | **Emanuel Grech** |
| 27-12-2006 | **Paul Vella** |
| 15-01-2007 | **Carmelo Vella** |
| 26-01-2007 | **Pawlu Vella** |
| 27-01-2007 | **Ġużeppa Tabone** |
| 30-01-2007 | **Carmela Fenech** |

### IL-WEBSITE TA' SAN ĠORĠ:

## www.stgeorge.org.mt

- Idħlu fiha ħa tkunu tafu x'inhu jiġri fil-Parroċċa tagħkom.
- Għadduha lil xulxin u agħtuha lill-emigranti li għandkom.
- Ibagħtu messaġġi fuqha permezz tal-Guestbook.
- Agħtu s-suġġerimenti tagħkom biex titjieb.
- Qed tiġi "updated" regolarment, diversi drabi fil-ġimgħa.



*Nifirħu lil Mons. Paul Cremona tal-ħatra tiegħu bħala Arċisqof Metropolitan ta' Malta*

Nirringrazzjaw lil Joe Attard, Dun Felić Tabone u Joe Zammit li pprovdew ir-ritratti għal din il-ħarġa.

# *Editorjal*

## L-Imġieba tagħna fid-Dar ta' Alla

Min minnkom, bħali, jattendi ta' spiss għall-funzjonijiet li jsiru fi-bażilika, speċjalment għall-quddies li jsir, mhux l-ewwel darba li jkollu jassisti għal ċerti sitwazzjonijiet li żgur ma jirriflettu ebda rispett lejn id-dekor tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa. L-ewwel u l-ikbar rispett jixraq lil Ġesù Kristu, li aħna nemmnu li hu preżenti waqt il-quddiesa u jiġi fina fil-ħin tat-tqarbin.

Mhux l-ewwel darba li nisimgħu xi *mobile phone* idoqq waqt li tkun għaddejja l-quddiesa! Dan m'hu xejn ħlief nuqqas ta' edukazzjoni. Irridu niħduha drawwa li qabel ma nidħlu fil-knisja, nitfu l-*mobile phone* biex ma jiddisturbax il-quddiesa. Osservazzjoni oħra hija fuq l-użu tal-ġinokkjaturi tas-siġġijiet. Dawn għandhom jitniżżlu bilmod biex ma jtellfux il-konċentrazzjoni tan-nies permezz ta' tisbit żejjed. U fil-ħin adattat; il-bqija jerġgħu jittellgħu minnufih mingħajr wisq storbju. B'hekk inkunu qed nevitaw inċidenti ta' nies li jaqgħu fil-ġinokkjaturi. Dawn huma żewġ eżempji ta' kif nuru aktar rispett lejn il-quddiesa, kif ukoll lejn in-nies li jkunu qed jipparteċipaw. Bi ftit aktar attenzjoni u edukazzjoni, kollox hu possibli.

Issa li għaddiet sena mill-ordinazzjoni episkopali ta' Mons. Mario Grech, żgur li lkoll drajna l-preżenza tiegħu fostna u magħna f'diversi attivitajiet djoċesani kif ukoll parrokkjali. Huwa ta' pjaċir li naraw lill-isqof fil-ċelebrazzjonijiet u nħossuh dejjem aktar qrib tagħna. Il-karattru u d-daħka tiegħu jġagħluk dejjem tapprezza aktar dak li jagħmel għad-djoċesi Għawdxija. Issa dan l-aħħar l-arċidjoċesi Maltija ngħatat mexxej ġdid fil-persuna ta' Mons. Pawlu Cremona. Dawn iż-żewġ ħatriet riċenti żgur taw messaġġ ta' kuraġġ u tama ġdida lilna l-Kattoliċi fil-gżejjer Maltin. Il-bord editorjali jifraħ lill-E.T. Mons. Pawlu Cremona f'din il-ħatra hekk importanti. Inwegħduh it-talb tagħna. Nispiċċa billi nawgura liż-żewġ isqfijiet ġodda aktar ħidma bejniethom għall-ġid taż-żewġ djoċesijiet!

**Andrew Formosa**
ilbeltvictoria@yahoo.com
*Editur*



## *Messaġġ mill-Arċipriet*

**Mons. Ġużeppi Farrugia**

info@stgeorge.org.mt

Mill-ġdid qed niltaqa' magħkom permezz ta' din ir-rivista, għeżież qarrejja, u nieħu l-okkażjoni biex magħkom niftaħ qalbi u naqsam xi ħsibijiet li f'dan il-mument inħosshom importanti.

## X'inhu importanti, essenzjali

Hemm ħafna aspetti tal-ħajja tagħna bħala Kristjani, jiġifieri bħala persuni li nħobbu lil Kristu u rridu nkunu tiegħu, li huma importanti, jekk mhux ukoll essenzjali. Fosthom hemm dik tal-formazzjoni fl-għarfien tal-Kelma ta' Alla u fit-talb. Jekk hemm xi ħaġa li tnikkitni hi l-inkapaċità tal-parroċċa tagħna li torganizza ruħha aħjar bħala skola ta' formazzjoni fil-Kelma ta' Alla u fit-talb. Xi ħaġa qiegħda ssir, imma hemm ċerti kategoriji ta' Kristjani fostna, fosthom iż-żgħażagħ, li l-parroċċa m'hix tolqothom. Jekk għandu jingħata xi tort, l-ewwel li nieħdu jien. Ma nafx x'nista' nagħmel iżjed. Imma ħa nkompli nipprova, almenu permezz tat-talb. Wara kollox, il-formazzjoni fil-Kelma ta' Alla ma sseħħx bis-saħħa tar-rieda tal-bniedem imma bis-saħħa tat-talb.

## Ambjent li jiffavorixxi l-pastorali

Żmien il-festi riesaq u nibża' li fir-Rabat sa jerġa' jkollna ripetizzjoni ta' dak li ġara f'Awwissu tas-Sajf li għadda, jekk mhux agħar. Hemm bżonn li min iħobb il-Knisja u għandu xi influwenza tajba jħaddem is-saħħa li għandu biex jiġi evitat dak kollu li jista' jġib il-firda bejnna. Hija firda li għandha riperkussjoni anki fuq inħawi barra mir-Rabat, għax in-nies tiġri u titkellem, il-mezzi ta' komunikazzjoni għandhom id-dinamika tagħhom li tagħlef ruħha minn kull skandlu, u l-għedewwa tal-Knisja jagħmlu kapital minn kull ħsara li ssir lill-Knisja. Passi eżemplari diġà ttieħdu. Min għandu widnejn, anki saċerdotali, biex jisma'... Għaliex m'għandniex nikkollaboraw! Għaliex m'għandniex noħolqu ambjent li jiffavorixxi din il-kollaborazzjoni?

## Impenji inqas importanti

Hemm dak li hu importanti u għandu jsir, u hemm dak li hu inqas importanti imma li jrid isir ukoll. Jiġuni f'moħħi l-ħidmiet li qed isiru biex il-bażilika ta' San Ġorġ, li hi tant iffrekwentata min-nies li ta' kuljum jiġu biex iqerru, jisimgħu l-quddies, jitolbu jew sempliċiment jammiraw il-ġmiel tagħha, ikollha sistema ta' elettriku tajba u mingħajr il-periklu li kellha dan l-aħħar, sistema ta' *sound* u sikurezza skond ma jixirqu. Wasal ukoll il-mument għall-ippavimentar tal-kappella, u jrid isir restawr ta' l-irħam li hu urġentissmu. Hemm proġetti oħra, materjali u kulturali, li huma mibdija u jridu jitkomplew. Dan ix-xogħol hu kumplimentari għall-ħidma kollha pastorali, għax li qed isir hu ispirat minnha u inserit fiha – il-ħidma l-aktar importanti u essenzjali, il-maturazzjoni tagħna fi Kristu.

Dan iż-żmien tar-Randan, bil-grazzja li jġib miegħu, hu żmien li fih għandna nagħmlu impenn akbar fit-triq tal-maturazzjoni Kristjana. Din tesiġi li rasna ma ngħaddsuhiex fir-ramel hekk li ma narawx il-veritajiet li hemm fina u madwarna. Dawn il-veritajiet irridu naffrontawhom *"head on"*. Is-smigħ tal-Kelma ta' Alla u l-eżami tal-kuxjenza li jimbuttawna għalih il-priedki ta' l-eżerċizzi, it-talb privat u komunitarju, l-għemejjel ta' karità u l-impenn għar-rikonċiljazzjoni fraterna li għaliha qed isejħilna l-maħbub isqof tagħna, Mons. Mario Grech, huma l-mezzi li jmexxuna fit-triq tal-maturità Kristjana.

Ħa twarrad fil-ġrajja l-kbira tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet, iż-żerriegħa tal-qawmien perfett tagħna!

...ikompli mill-ewwel paġna.

"obbligatorji" kapitulari (fil-Ġimgħa Mqaddsa, fil-festi ta' Lulju, fl-anniversarju tal-Lateran, fil-Milied, fl-aħħar u fl-ewwel tas-sena. . .). Iżda ġie anki f'ħinijiet oħra: ħinijiet ta' ferħ (bħal anniversarji) u ta' niket (il-velja u, wara, il-funeral ta' Dun Louis); wassal persunaġġi distinti; laqa' stediniet għal laqgħat soċjali u kulturali . . .

**Djoċesi tinbidel**

Iżda ma jixraqx nillimita ruħi għal dawn l-aspetti biss. Il-ħatra ta' isqof ġdid tkun mistennija ġġib bidliet amministrattivi u organizzazzjonali, bidliet fl-istil u fil-kontenut - iktar u iktar wara episkopat daqstant twil. Ngħidha mill-ewwel: qbilt ma' xi deċiżjonijiet, iżda mhux ma' kollha - u nixtieq li ċerti passi diġà ttieħdu.

Per eżempju, żgur xtaqt - u naħseb bosta miegħi - li nħatrilna vigarju parrokkjali ieħor; il-volum qawwi tal-ħidma sagramentali u pastorali f'San Ġorġ jixirqilha iktar għajnuna (għax le, bis-sehem ta' xi qassisin żgħażagħ mhux biss minn fostna). Xtaqt - u konvint li lanqas hawn ma jien f'xi minoranza - li bdew proċeduri biex jiġu eliminati elementi negattivi li jostakulaw bla sens il-ħidma ġenwina; ma nistgħux naħlu iktar ħin qabel ma naslu għal koordinament (meħtieġ anki mil-leġislazzjoni ekkleżjastika) tal-ħidma pastorali fir-Rabat.

Ma rrid bl-ebda mod infisser li ma fraħniex bi żviluppi pożittivi. Ngħidu aħna, ingħatat attenzjani għal ħajja ġdida f'ċelebrazzjonijiet fuq bażi djoċesana - u allura żdiedet ġmielha l-parteċipazzjoni. Forsi mhux dejjem intgħażlu l-persuni l-iktar adatti iżda rajna ħafna sforzi b'intenzjoni tajba. Laqtuni wkoll xi uffiċjali ġodda fil-Kurja u fost dawk li huma l-iktar qrib ta' l-Isqof. Saret riforma fit-tim tat-Tribunal (li sfortunatament sar kull ma jmur jintuża dejjem iktar) - iżda anki hawn donnu mxejna b'ritmu kajman u ma jidhirlix li għadu ssaħħaħ kemm għandna bżonn.

Ħadt gost li f'*Il-Ħajja f'Għawdex* għandna xi wċuħ ġodda. Kif stqarrejtlu fil-laqgħa mal-ġurnalisti li l-Isqof tradizzjonalment ikollu f'jum San Franġisk de Sales, nittama li dan l-"uniku perjodiku Għawdxi" isir iktar proattiv - l-istess bħal ma nixtieq li r-riżorsi tal-*Lumen Christi Media Centre* jintużaw bil-bosta iktar.

Mela, dawl u dellijiet; okkażjonijiet li entużjażmajna ruħna bihom u oħrajn li nkwetawna jew ukoll dejquna. U dan ma jistax jonqos! Mons. Grech żamm *public image* verament ħajja - nittama li ħeġġeġ individwi li kienu bdew jitbegħdu. Iżda dan ovvjament fisser ukoll li mhux dejjem seta' jpoġġi bil-qiegħda jikkonsulta u jiddiskuti; żgur li xtaq kellu xi jumejn għall-mistrieħ mentali u fiżiku!



Mons. Ġużeppi Farruġa jagħti lil Mons. Isqof Mario Grech is-salib, simbolu li issa huwa d-Dekan tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ

U allura nsemmi punt (li ma għandux jidher irrilevanti jew bla importanza): il-lajkat organizzat fi gżiritna. Kif naf personalment - iżda mhux kunfidenzjalment, donnu hemm ktajjen mill-eħxen ixekklu r-rinnovament ta' l-istrutturi eżistenti (jew is-sostituzzjoni tagħhom)!

X'nistgħu nagħmlu aħna? X'inhu dmirna? Żgur għandna nitolbu għall-bżonnijiet tar-Ragħaj tad-Djoċesi, bżonnijiet li forsi mhux dejjem iħoss li jista' jistqarrhom pubblikament. Anzi jixraq nirrepeti l-konklużjoni tad-diskors ta' merħba li għamiltlu fil-5 ta' Frar 2006:

"Xtaqt il-lum nitolbok umilment f'isimna lkoll: wasslilna tagħlim ġenwin; ara li ma nibqgħux passivi quddiem tant attakki sfaċċati jew fini; ħeġġiġna biex inkunu proattivi f'dinja tinbidel bl-għaġġla; ara li jkollna l-għajnuna meħtieġa; għinna għall-koordinament tal-ħidma pastorali. Bla biża' li qed nażżarda ż-żejjed, inwiegħek talbna; noffrilek id-disponibbiltà u l-kollaborazzjoni ta' wlied fidili."

***Ad Multos Annos!***

**Antoine Vassallo** - vasanti@waldonet.net.mt

# Ir-Randan: żmien qaddis li jħejji għall-festa ta' l-Għid

**Mons. Salv Borg** - ilbeltvictoria@yahoo.com

### Xi jfisser ir-Randan

Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, ir-Randan kien żmien, li fih il-katekumeni, jiġifieri dawk li jkunu sa jitgħammdu, kienu jħejju ruħhom bit-tagħlim, bit-talb u bil-penitenza biex ikunu jistgħu jirċievu l-magħmudija fil-lejl ta' l-Għid il-Kbir.

Fiż-żmien tar-Randan, il-liturġija tistedinna biex inġeddu u nsaħħu l-konverżjoni ta' qalbna lejn Alla, u hekk, inħejju lilna nfusna biex fil-lejl ta' l-Għid nerġgħu nġeddu l-wegħdiet tal-magħmudija tagħna.

Matul ir-Randan, b'mod speċjali fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, jeħtieġ li aħna nissieħbu ma' Ġesù fil-mixja tiegħu fid-deżert, biex kif huwa rebaħ il-qawwiet tal-ħażen bit-talb u l-penitenza, hekk aħna wkoll nirbħu t-tentazzjonijiet ta-ħażen li magħhom niltaqgħu f'ħajjitna. Għalhekk dan iż-żmien tar-Randan huwa żmien li nindmu u nikkonvertu dejjem aktar mill-ħażen tagħna.

### Mixja ma' Kristu

Matul dan iż-żmien qaddis tas-sena jeħtieġ li nimxu wara Ġesù fl-istadji kollha li minnhom għadda, sabiex nifhmu dejjem aħjar x'għamel l-Imgħallem Divin sabiex imut għalina, u jagħtina l-ħelsien tassew minn taħt il-madmad tax-xitan.

L-ewwelnett, Ġesù jagħtina prova tal-qawwa tiegħu meta ġab fix-xejn it-tentazzjonijiet kollha li x-xitan ressaq quddiemu. L-istess ħaġa qed jistenna minna. Huwa jrid li bħalu aħna wkoll inżommu iebes kontra l-attakki li x-xitan jqajjem kontrina, u bil-għajnuna t'Alla jirnexxilna nirbħuh u nkeċċuh minn quddiemna.

Il-ġrajja tat-trasfigurazzjoni tat-Tabor, jiġifieri dik il-ġrajja li Ġesù ppermetta li seħħ quddiem it-tielet appostli prediletti tiegħu, Pietru, Ġakbu u Ġwanni, bħalma dewqet lilhom il-ġmiel tas-sema, hekk ukoll tgħinna nifhmu x'hemm jistenna fit-tgawdija ta' dejjem. Iżda biex jirnexxilna dan l-iskop f'ħajjitna, jeħtieġ li anke aħna ngħaddu minn trasfigurazzjoni oħra, bidla oħra fina.

### Ġrajjiet importanti

Il-liturġija ta' żmien ir-Randan tpoġġilna quddiemna diversi episodji mill-ħajja u mit-tagħlimiet ta' Kristu. Il-laqgħa li huwa kellu mas-Samaritana fuq il-bir ta' Ġakobb, il-fejqan tar-raġel għama li ra dawl ġdid li qatt qabel ma kellu x-xorti jgawdih, l-istorja ta' l-iben il-ħali u r-ritorn tiegħu għand missieru dejjem lest li jaħfirlu u jilqgħu lura fi ħdanu, il-qawmien mill-mewt ta' Lazzru l-ħabib ta' Ġesù: dawn kollha huma ġrajjiet intiżi li jgħinna nifhmu x'hemm bżonn li jsir biex anke aħna niċċelebraw kif jixraq il-festa solenni ta' l-Għid.

### Il-Ġimgħa Mqaddsa

Ġimgħa memorabbli. Ġimgħa li fiha nimmeditaw id-daħla trijonfali ta' Ġesù fil-belt ta' Ġerusalemm, fost l-għajjat u l-kant ta' "Osanna lill-iben ta' David."

Nitnikktu meta naraw il-konfoffi kollha li kienu qed jinħmew kontra Ġesù mis-Sinedriju. Nifirħu u nitgħaxxqu bil-ġrajja kbira li seħħet fiċ-ċenaklu, il-kamra ta' fuq, fejn Ġesù waqqaf is-sagrament ta' l-Ewkaristija Mqaddsa kif ukoll is-Saċerdozju Kattoliku.

Nibżgħu u nibku ma' Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani, filwaqt li naraw b'liema mod huwa kien dejjem lest li jagħmel ir-rieda ta' missieru. Nitwaħħxu meta naraw lil Ġuda li b'bewsa jitradixxi lil Ġesù u jagħtih f'idejn l-għedewwa tiegħu.

Niġru miegħu mingħand Kajfas, għal għand Anna, għal għand Pietru. Inħossuna nistgħu naraw b'liema mod kien qed jiġi ttrattat minn dawk li kienu ħalfu l-qerda tiegħu. Nirgħexu meta naraw lil Ġesù jiġi mqiegħed spalla ma' Barabba, ħalliel mill-agħar, filwaqt li jidwu f'widnejja l-għajjat faħxi tal-folla, li f'medda ta' erbat'ijiem biddlet l-għajta ta' "Osanna" f'dik ta' "Sallbu, Sallbu".

Inweġgħu qalbna meta naraw lil Ġesù jiġi żżufjettat, imkasbar, mgħajjar, inkurunat bix-xewk, ikkundannat għall-mewt, mgħobbi s-salib. Inħossuna nogħtru miegħu, nistħu floku meta ġie mneżża' minn ħwejġu, inħossu l-uġigħ ta' idejn u riġlejn minfuda b'imsiemer tal-ħadid biex jissallab għalina.

U hemm, bejn sema u art, imperreċ fil-għoli, abbandunat minn kulħadd, jgħolli leħnu biex f'idejn il-Missier jerħi r-ruħ tiegħu. Narawh jitqiegħed fil-għar, biex bħalma twieled ġo għar, hekk ukoll issa jindifen f'għar ieħor, fil-ġnien ta' Ġużeppi minn Arimatea.

Deher kollox mitmum u mitluf! L-appostli erħewla mill-ġdid lejn iċ-ċenaklu, u sakkru warajhom il-bieb, li ma jmorrux issa s-Sanedrin juru l-qilla tagħhom kontriehom. Iżda nies twajba, li kmieni qabel ma telgħet ix-xemx, resqu lejn il-qabar u sabuh vojt. Kristu jidher quddiemhom u jordna li jmorru jgħid b'din il-ġrajja lill-appostli. U dan ma kienx biżżejjed. Bil-bibien magħluqa, Ġesù jidħol fosthom u jsellmilhom: "Il-paċi magħkom!" Kristu kien qam. Kristu kien irxoxta. Kristu kien ħareġ rebbieħ.

### Ngħixu l-Għid

Ir-Randan jiġi u jgħaddi. L-Għid ukoll jgħaddi. Jeħtieġ li l-konverżjoni li nagħmlu matul il-jiem qaddisa tar-Randan, ngħixuha matul il-ħajja kollha.

# Mid-Djarju tal-parroċċa

**1 ta' Jannar 2007**: Quddiesa pontifikali ppreseduta mill-E.T. Mons. Mario Grech fl-ewwel ġurnata tas-sena 2007 fil-11.00am.

**4 ta' Jannar 2007**: Rina Muscat mill-parroċċa ta' San Ġorġ, membru fil-komunità ta' sorijiet mwaqqfa minn Madre Tereża żżur il-bini taċ-ċentru parrokkjali. *Sour Victoria* telqet min Għawdex 46 sena ilu u bħalissa qed tagħmel xogħol fl-Italja.

**7 ta' Jannar 2007**: L-arċipriet jippresiedi konċelebrazzjoni fis-solennità ta' l-Epifanija.

**11 ta' Jannar 2007:** Stefano Dall'Osso jippreżenta lil arċipriet u lill-kunsill amministrattiv il-pjanti l-ġodda tad-disinn tad-dawl għall-bażilika.

**14 ta' Jannar 2007:** Il-familja Debrincat mill-parroċċa ta' San Ġorġ tiġi ppreżentata bil-premju *Il-Qalb tad-Deheb.*

**14 ta' Jannar 2007**: Parti mid-Diskors ta' Dr Paul G. Pisani f'Jum il-Familja: "Il-premju jfittex li jpoġġi quddiem is-soċjetà l-ġesti erojċi ta' din il-familja partikolari sabiex isservi bħala mudell ta' imitazzjoni mis-soċjetà in ġenerali. Qed nitkellmu fuq l-erojiżmu. Min hu l-eroj? Kieku kelli nsaqsi lil xi ħadd minnkom żgur li l-kelma "eroj" tnissel fikom konnotati ta' persuna li xxerred demmha għal pajjiżha jew tissielet u tirbaħ xi battalja importanti fl-istorja tal-pajjiż. Fil-kuntest reliġjuż, l-eroj huwa l-martri li jċarċar demmu għal twemminu. Iżda l-eroj huwa ħafna iżjed minn hekk. Jekk nieħdu id-definizzjoni klassika ta' Theodor H. Gaster, l-eroj huwa persuna li jippossiedi poteri aktar qawwija minn ta' sħabu u li jpoġġihom fil-prattika, a skapitu ta' ħajtu u a benefiċċju ta' l-oħrajn. L-eroj għandu dak li r-Rumani kienu jsejku l-"virtus" u huwa l-antitesi tal-ġifa li jagħli għax jisbaħ u ma' jimpurtahx la x'jiġri lilu u lanqas dak li jista' jiġri lil ħaddieħor.

"F'kuntest modern, insostni li l-eroj huwa persuna anomima, dak li jaqdi dmiru lejn pajjiżu u lejn twemminu. Forsi min jagħti l-ġurnata sħiħa tax-xogħol mhux eroj? Min irabbi lil uliedu fir-rispett tal-liġijiet ċivili u tat-twemmin nisrani mhux eroj? Mhux eroj min jagħmel dak kollu li titlob minnu l-osservanza skrupluża tal-liġijiet ċivili u ma' jiksirx difrejh mal-liġi? Mhux eroj min jgħix ħajtu pubblikament u fil-privat fil-biża t'Alla u jkun ta' eżempju għal ħaddieħor? Inħoss li l-eroj huma ħafna, jiġifieri dawk li jaqdu dmirhom sew, kemm jekk jokkupaw karigi uffiċjali, kemm jekk huma ċittadini leali tal-pajjiż, kemm dawk li huma fidili prattikanti u assidwi ta' twemminhom.

**21 ta' Jannar 2007**: Żewġ qassisin Franġiskani mill-Art Imqaddsa jżuru l-bażilika ta' San Ġorġ u jagħmlu ġabra b'risq il-missjoni tagħhom ġewwa l-istess post.

**29 ta' Jannar 2007**: Żjara ta' ftit sigħat mingħand Mons. Walter M. Ebejer, isqof Malti li jgħix ġewwa l-Brażil. Dan l-istess isqof qaddes il-quddiesa tas-7pm.

**2 ta' Frar 2007**: L-arċipriet jippresiedi u jmexxi konċelebrazzjoni bħala parti mill-festa tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù Kristu, magħrufa wkoll bħala l-Gandlora.

**4 ta' Frar 2007:** L-isqof Arnold Subira Anyolo jżur l-bini taċ-ċentru parrokkjali u jqaddes il-quddiesa tal-11am akkumpanjat min Mons. Ġorġ Grima.

**10 ta' Frar 2007**: Konċelebrazzjoni ppreseduta mill-arċipriet fid-9.00am tan-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl.

**11 ta' Frar 2007**: Konċelebrazzjoni fil-5.00pm u dritt wara purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li ddur mat-toroq tal-Belt Victoria.

**13 ta' Frar 2007**: Tombla organizzata fiċ-ċentru parrokkjali mil-*Ladies Society* bħala parti mill-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi.

# Attivitajiet mħabbra

**26 ta' Frar 2007**: Eżerċizzi tar-Randan għal kulħadd mill-E.T. Mons Nikol Cauchi, isqof emeritu, 4.15pm.

**5 ta' Marzu 2007**: Eżerċizzi tar-Randan għall-miżżewġin minn Mons. Isqof Mario Grech, 7.30pm.

**12 ta' Marzu 2007**: Eżerċizzi tar-Randan għaż-żgħażagħ mill-Kan. Dun Tonio Galea, 7.30pm.

**19 ta' Marzu 2007**: Eżerċizzi tar-Randan għall-kulħadd minn Dun Anton Thuma, 7.30pm.

**26 ta' Marzu 2007**: Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal mid-Djaknu Michael Curmi, 4.30pm.

Fil-Ħarġa li jmiss

**Attivitajiet marbutin ma' l-Għid il-Kbir u l-festa ta' San Ġorġ ta' April**

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,
Insellmilkom u nittama li tinsabu tajbin. Qed nerġgħu niltaqgħu flimkien f'din ir-Rokna rriservata għalikom. Tiskanta kif jitgerbeb iż-żmien u ma jistenna lil ħadd! Kważi wasalna lejn tmiem ix-xahar ta' Frar u naħseb li ħafna minnkom diġà għamlu l-eżamijiet ta' nofs is-sena u oħrajn qed jaħsbu biex jagħmluhom. Lilkom ilkoll nawguralkom li jkollkom riżultati tajbin. L-importanti li tkunu dejjem ippreparati. Inutli toqgħod tagħmel il-wegħdi lil San Ġużepp ta' Copertino jew lil Santa Rita biex tgħinek jekk imbagħad ma tagħmilx sehmek int ukoll. Għin ruħek biex Alla jgħinek! Nifhem li xi ftit jew wisq iddevertejtu matul il-jiem tal-Karnival u naħseb li ma hemm xejn ħażin.

Imma issa ninsabu fir-Randan Imqaddes u xieraq li lkoll kemm aħna nagħmlu xi ftit tas-sagrifiċċju, kbar u żgħar. Mhux ħa noqgħod ngħidilkom jien x'għandkom tagħmlu imma lkoll tistgħu tagħmlu xi sagrifiċċju żgħir – tobdu iktar, tirrispondu inqas, tnaqqsu xi ftit ħin minn quddiem it-televiżjoni, tagħmlu xi ftit tal-karità, iżżuru xi marid, tnaqqsu xi ftit mill-ħelu u dak li tfaddlu titfgħuh fil-kaxxa ta' quddiem San Ġorġ (bħalissa l-parroċċa għandha spejjeż enormi) u ħwejjeġ oħra sbieħ. Xtaqt infakkarkom tippruvaw issibu ħin tinvistaw l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra matul dan iż-żmien għażiż tas-sena u kemm tistgħu ma tfallux il-quddiesa u l-lezzjonijiet tad-duttrina.

Naf li l-iskola jagħmlulkom kors ta' Eżerċizzi imma tinsewx ukoll li anke l-parroċċa tieħu ħsieb tagħmlilkom xi ftit priedki bħal dawn – araw li ma titilfuhomx! Tinsewx x'kien jgħid il-Beatu Dun Ġorġ Preca li t-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid u għalhekk titilfux ċans wieħed li titgħallmu. Ħafna minnkom narahom jieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Araw li din is-sena tagħmlu l-istess. Ġimgħa qabel ikollna wkoll il-festa għażiża tad-Duluri u jien ċert li tmorru ma' tal-familja għal quddiesa li l-Isqof iqaddes fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġakbu u wara tieħdu sehem fil-pellegrinaġġ li jsir bl-istatwa ta' Marija Addolorata.

Ħalli nieqaf hawnhekk għal-lum biex ngħaddi bħas-soltu għal kompetizzjoni. Illum qed nagħmel biss żewġ mistoqsijiet u min iwieġeb tajjeb u jitla' bix-xorti fost dawk kollha li jkunu wieġbu kif imiss, nagħtih ktieb bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (tel: 21551325/79551325). Il-mistoqsijiet huma dawn:

- Għidli fejn tinsab kopja eżatta ta' l-istatwa tad-Duluri bħal dik li hemm fil-knisja ta' San Ġakbu.
- Liema raħal f'Għawdex huwa msemmi għal Purċissjoni Pageant li toħroġ mill-knisja tiegħu f'Jum id-Duluri?

Tinsewx tibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz: "Uffiċċju Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità, Victoria, Għawdex" jew fuq l-e-mail ilbeltvictoria@yahoo.com sa mhux aktar tard mill-10 ta' April, 2007.

*Iz-Ziju Joe*

# Qaddisin "Ġorġjani" (7)

*Kitbu dwar il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-Tempju ddedikat lilu*

**Antoine Vassallo** - *vasanti@waldonet.net.mt*

## Santa Klotilda

(tifkira liturġika fit-3 ta' Ġunju)

Clotilde kienet reġina ta' Franza (jew tal-Franki) fi żmien ta' taqlib u nkwiet. Twieldet ftit wara s-sena 470 lil Chilperic, wieħed mir-rejiet ta' dawn il-partijiet ta' l-Ewropa, li nafu li kien Kattoliku. Żewġuha żgħira lir-re Clovis u rnexxielha tikkonvertih. Infatti tħabtet ħafna biex ixxerred il-fidi u ssaħħaħha madwar ir-renju. Irsistiet ukoll favur il-paċi u biex tikkonvinċi lill-mexxejja li għandhom ikunu iktar għaqlin u jistmaw lis-sudditi. Iżda meta romlot tfaċċa inkwiet ġdid, bi gwerer ħorox anki bejn il-kuġini u delitti kbar.

Hawnhekk intefgħet għat-talb u l-karità, imsaħħa mid-devozzjoni qawwija li kellha lejn il-qaddisin. Iddeċidiet li titlaq lejn Tours biex tgħix qrib il-qabar ta' San Martin. Ħadet ħsieb tibni xi knejjes, fosthom waħda ddedikata lil San Ġorġ ma' monasteru "għax-xebbiet" (nassumi li tfisser sorijiet) f'Chelles. Jekk ma iniex niżbalja, din kienet waħda mill-bosta li sfaw meqruda waqt ir-Rivoluzzjoni Franċiża.

Meta mietet fis-sena 545, ġa kienet stmata ta' qaddisa. Skond San Girgor ta' Tours li ħallielna ħafna informazzjoni dwarha, ġisimha ttieħed f'purċissjoni immensa lura lejn Pariġi għad-difna. Kif tista' tistenna fil-każ ta' persunaġġ bħalha, żviluppaw ukoll numru ta' leġġendi, għanjiet u poeżiji popolari. Matul is-sekli ġiet magħduda bħala patruna ta' diversi kategoriji, fosthom tfal adottati, eżiljati, ġenituri, irġejjen u romol.

***pittura ta' Prof GB Conti fil-Bażilika tagħna***



# MID-DJARJU TAL-PARROĊĊA









1. Id-disinjatur Taljan Stefano Dall'Osso jippreżenta x-xogħol tiegħu f'laqgħa tal-Kunsill Amministrattiv tal-bażilika. 11.01.2007.
2. L-arċipriet jilqa' fis-sagristija delegazzjoni ta' Franġiskani Konventwali li kienu f'pajjiżna għal konvenju. 21.01.2007.
3. L-isqof Walter Ebejer imexxi l-quddiesa tas-7 tal-Ħadd fl-għaxija, assistit min Dun Ġorġ Borġ. 29.01.2007.
4. Il-ħruġ tal-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes mill-bażilika ta' San Ġorġ li daret mat-toroq tal-Belt Victoria. 11.01.2007.

## eżerċizzi tar-randan

26 ta Frar :: 4.15pm - għal kulħadd *(E.T. Mons Nikol Cauchi)*

5 ta' Marzu :: 7.30pm - għall-miżżewġin *(E.T. Mons Mario Grech)*

12 ta' Marzu :: 7.30pm - għaż-żgħażagħ *(Kan. Dun Tonio Galea)*

19 ta' Marzu :: 7.30pm - għal kulħadd *(Dun Anton Thuma)*

26 ta' Marzu :: 4.30pm - għat-tfal *(Djaknu Michael Curmi)*